**Nomina ta' Paul Mifsud bħala**
**Ambaxxatur ta' Malta mhux residenti għall-Oman u l-Iran**

Pubblikazzjoni tal-mistoqsijiet u t-tweġibiet *ai termini* tal-Artikolu 48B(2) tal-Att dwar l-Amministrazzjoni Pubblika.

*Mistoqsijiet sottomessi mill-Membri tal-Gvern*

**1. X'taħseb li huma l-isfidi li għandu quddiemu l-Oman?**

L-Oman huwa monarkija assoluta. Magħrufa bħala Sultanat tal-Oman immexxija mis-Sultan Qaboor bin Said al Said. Neħħa lill-missieru mill-poter biex ħadlu postu fl-1970. Huwa l-aktar mexxej li ilu fit-tmexxija fil-pajjiżi tal-Lvant Nofsani. Għadu jirrenja sal-lum għalkemm rapporti jgħidu li saħħtu sejra lura. Bħal kull monarkija, il-pożizzjoni ta' Sultan hija ereditarja.

U hawn qiegħda l-ewwel sfida li għandu quddiemu l-Oman jiġifieri, min se jkun is-suċċessur ta' Said al Said. Dan għaliex is-Sultan m'għandux tfal u lanqas aħwa. L-isfida hija l-inċertezza li se ġġib magħha l-ħatra ta' Sultan ġdid. Fost l-oħrajn, jekk l-Oman, taħt tmexxija ġdida, jibqax jadotta politika barranija ta' newtralità. Fil-fatt, l-Oman huwa fost il-ftit pajjiżi tal-madwar li għad għandhom relazzjonijiet ta' ħbiberija mal-Iran.

Din il-kwistjoni tas-suċċessjoni tista' toħloq ukoll instabbiltà interna minħabba r-rivalità li tista' tissuċċiedi bejn il-militar u dawk li jippretendu li għandhom ikunu huma s-suċċessur ta' Said al Said.

Kurjuż ħafna huwa l-fatt li s-Sultan Said al Said ħalla kopji tal-istess ittra f'żewġ postijiet differenti li għandhom jinfetħu wara mewtu u li suppost jagħtu direzzjoni dwar is-suċċessjoni. Huwa importanti li bħala pajjiż, inżommu ruħna aġġornati ma' dawn l-iżviluppi.

L-Oman qiegħed ukoll jiffaċċja l-isfida tal-kriżi ekonomika minħabba l-waqgħa fil-prezz taż-żejt. Dan għaliex 40 fil-mija tal-ekonomija tal-pajjiż hija bbażata fuq l-esportazzjoni taż-żejt. Kif il-prezzijiet taż-żejt jorħsu l-Oman jonqoslu ħafna d-dħul li jrid jagħmel tajjeb biex isostni l-ekonomija tiegħu. Biex jilqa' għal dan, l-Oman qiegħed jipprova jiddiversifika l-ekonomija tiegħu f'oqsma oħra fosthom l-agrikoltura, l-industrija kif ukoll it-turiżmu. Esperti ekonomiċi qed jagħtu parir lill-Oman biex ma jibqax dipendenti fuq iż-żejt, iżda jkabbar is-settur privat, iżomm mal-miri tal-baġit kif ukoll iħajjar liż-żgħażagħ jimpjegaw irwiehom fis-settur privat milli mas-settur pubbliku.

Minħabba l-kriżi ekomonika s-Sultan ta' Oman qed isibha diffiċli li jwettaq il-wegħdiet li kien għamel lill-poplu li jtejjeb is-servizzi soċjali. Barra minn hekk, neħħa ħafna mis-sussidji bil-konsegwenza li żdiedu l-prezzijiet tal-*fuel*, l-ilma u l-elettriku. Din is-sena ġiet introdotta l-VAT li kompliet għolliet il-prezzijiet għall-konsumatur.

Dawn il-miżuri ta' awsterità ġiegħlu lill-poplu jinżel fit-toroq jipprotesta wara ħafna snin.

Sfida oħra għall-Oman hija li jara li jkun hemm sigurtà u stabbilità politika fir-reġjun. Mal-fruntiera tiegħu l-Oman għandu l-Yemen li huwa mifni bi gwerra ċivili kif ukoll l-Għarabja Sawdija li tinsab f'konflitt mal-Yemen. Hija għalhekk sfida kbira għall-Oman li f'dan ix-xenarju jibqa' newtrali.

**2. X'taħseb li huma l-isfidi li għandu quddiemu pajjiż importanti bħalma huwa l-Iran?**

Ma jistax jonqos li l-Iran, li għandu popolazzjoni ta' madwar 82 miljun ruħ li jgħixu fuq territorju li huwa kważi tliet darbiet daqs Franza, għandu sfidi kbar. Naturalment jippreżenta wkoll opportunitajiet kbar. Iżda fiċ-ċirkostanzi preżenti, b'mod partikolari fuq ix-xena internazzjonali, huma l-isfidi u l-problemi li qed jiffaċċja l-Iran, li nsibuhom fuq l-ewwel faċċati tal-ġurnali internazzjonali u fuq il-mezzi tax-xandir madwar id-dinja.

Sfida ewlenija u li reġgħet tfaċċat f'dawn l-aħħar xhur hija l-kwistjoni tas-sanzjonijiet ekonomiċi mill-Istati Uniti tal-Amerka minħabba l-programm nukleari tal-Iran wara d-deċiżjoni unilaterali tal-President tal-Istati Uniti Donald Trump f'Mejju li għadda, li ma jonorax il-Joint Comprehensive Plan of Action (JCPOA). Dan kien ftehim milħuq minn ħames pajjiżi membri permanenti tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti, jiġifieri ċ-Ċina, Franza, ir-Russja, l-Ingilterra, l-Istati Uniti, kif ukoll mill-Unjoni Ewropea u l-Ġermanja li kien ġie ffirmat mal-Iran fi Vjenna fl-2015 u approvat mill-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti.

Bis-saħħa tal-JCPOA, is-sanzjonijiet ekonomiċi kontra l-Iran, li kienu ġew imposti erba' snin qabel, tneħħew wara li l-Aġenzija Internazzjonali dwar l-Enerġija Atomika (IAEA), ħabbret f'Jannar 2016 li l-Iran kien osserva l-kundizzjonijiet kollha tal-ftehim fosthom li jiftaħ l-impjanti nukleari tiegħu għal spezzjonijiet mill-IAEA biex jiġi assigurat li l-programm nukleari ta' riċerka tal-Iran ikollu għanijiet paċifiċi.

Dan il-ftehim reġa' fetaħ beraħ il-bibien għal relazzjonijiet kummerċjali mal-Iran. Fost l-oħrajn, ġab miegħu opportunitajiet kbar għal kumpaniji minn pajjiżi madwar id-dinja, inkluż pajjiżi Ewropej bħal Franza u l-Italja, li ħatfu din l-opportunità u f'temp ta' ftit xhur iffirmaw kuntratti li jiswew il-mijiet ta' biljuni ta' dollari għall-bini ta' infrastruttra moderna marbuta mat-tfittix u d-distribuzzjoni tal-gass u ż-żejt fl-Iran. Il-pajjiż reġa' beda jbigħ ukoll il-gass u ż-żejt fuq is-swieq internazzjonali. U għandu xi jbigħ meta tikkonsidra li l-Iran huwa t-tieni l-akbar produttur tal-gass naturali u r-raba' l-akbar produttur taż-żejt fid-dinja.

Iżda dak kollu li nkiseb bis-saħħa tal-JCPOA jerġa' jsir suf jekk kemm-il darba l-President Amerikan iżomm kellmtu u jerġa' jimponi sanzjonijiet kontra l-Iran.

Min-naħa tagħha l-Unjoni Ewropea, flimkien ma' firmatarji oħra tal-ftehim, iddikjarat li hija se tkompli tonora l-JCPOA u se tħares l-interessi ta' dawk il-kumpaniji Ewropej li qed joperaw fl-Iran.

Il-pożizzjoni li qed tieħu l-Unjoni Ewropea f'din il-kwistjoni hija waħda politika. Iżda l-investimenti ta' biljuni ta' dollari fl-Iran jagħmluh il-kumpaniji privati. Wieħed għad irid jara, jekk kemm-il darba s-sanzjonijiet jerġgħu jiġu imposti f'Awwissu li ġej, liema kumpaniji barranin lesti li jibqgħu joperaw fl-Iran jew jidħlu għal kuntratti ġodda u joħduha kontra l-pożizzjoni Amerikana mingħajr ma jippreġudikaw interessi oħra li għandhom f'partijiet oħra tad-dinja u li b'xi mod jew ieħor għandhom rabtiet mal-Istati Uniti fosthom għaliex jikkummerċjaw permezz tad-dollaru Amerikan jew għandhom sussidjarji fl-Istati Uniti.

Wieħed jistenna aktar żviluppi fix-xhur li ġejjin.

Il-pożizzjoni tal-Gvern Malti

Ta' min jgħid li anke l-Gvern Malti kien ħa passi immedjati biex japprofitta ruħu mill-fatt li s-sanzjonijiet kontra l-Iran kienu tneħħew u jerġa' jibda relazzjonijiet kummerċjali u ekonomiċi f'diversi oqsma, fosthom fis-settur marittimu. Fil-fatt, il-Ministru għat-Trasport Joe Mizzi kien l-ewwel rappreżentant ta' Gvern minn fost il-pajjiżi membri tal-Unjoni Ewropea li żar l-Iran f'Jannar 2016, ftit xhur wara li tneħħew is-sanzjonijiet. Tliet xhur wara, dawn ir-rabtiet reġgħu ssaħħew biż-żjara tal-Ministru għall-Affarijiet Barranin ta' dak iż-żmien Dr George Vella, meta żar l-Iran fejn kellu laqgħat mal-ogħla awtoritajiet Iranjani, inkluż mal-Ministru għall-Affarijiet Barranin Iranjan. Waqt din iż-żjara kienu ġew iffirmati żewġ *Memoranda of Understanding* relatati ma' konsultazzjoni politika u l-ħruġ ta' viża. F'din l-istess laqgħa, il-Ministru għall-Affarijiet Barranin Iranjan irringrazzja lil Malta għall-appoġġ tagħha fin-negozjati li wasslu biex jitneħħew is-sanzjonijiet kontra l-Iran u esprima x-xewqa tal-Gvern Iranjan li jsaħħaħ il-koperazzjoni ma' Malta.

Għad fadlilna x'naqdfu bħala pajjiż għal dak li għandu x'jaqsam ma' skambji kummerċjali u ekonomiċi bejn Malta u l-Iran. Skont figuri tal-Eurostat, fl-2017 il-kummerċ bejn Malta u l-Iran kien jammonta għal €790,000 tnaqqis ta' kważi 30% fuq is-sena ta' qabel, l-inqas livell ta' kummerċ minn fost il-pajjiżi tal-Unjoni Ewropea.

Fid-dawl tal-aħħar żviluppi marbuta mal-impożizzjoni mill-ġdid ta' sanzjonijiet kontra l-Iran, f'Mejju li għadda, il-Ministru għall-Affarijiet Barranin Carmelo Abela tenna l-pożizzjoni ta' Malta, li hija l-istess bħal dik tal-Unjoni Ewropea, u qal li Malta se tkompli tappoġġja l-implimentazzjoni sħiħa u effettiva u l-preservazzjoni tal-ftehim milħuq permezz tal-JCPOA fl-intier tiegħu.

Fl-opinjoni tiegħi din hija stqarrija importanti li għad tissarraf 'il quddiem meta jerġgħu jiġu stabbiliti l-kuntatti kummerċjali u ekonomiċi mal-Iran meta tgħaddi din il-burraxka. Huwa diffiċli li wieħed ibassar meta dan jista' jiġri. Iżda fil-qasam internazzjonali u fid-dinja tad-diplomazija, kollox jista' jiġri. Qatt xi ħadd kien ibassar li l-President tal-Istati Uniti tal-Amerka u dak tal-Korea ta' Fuq kienu se jiltaqgħu f'*summit*?

Sfida oħra

Sfida oħra li qed jiffaċċja l-Iran hija dik interna minħabba s-sitwazzjoni ekonomika ħażina li jinsab fiha l-pajjiż kawż, iżda mhux l-unika, tas-sanzjonijiet kontra l-Iran.

Minkejja li l-mezzi tax-xandir u komunikazzjoni fl-Iran huma kkontrollati u ċċensurati mill-Istat, illum, grazzi għall-*internet* li huwa mifrux sewwa fil-pajjiż, u l-*media* soċjali, l-aħbarijiet xorta waħda joħorġu mill-pajjiż. Dan l-aħħar kien hemm protesti f'ħafna bliet Iranjani u saħansitra f'Teheran, minħabba żidiet tal-prezzijiet tal-prodotti tal-ikel u tnaqqis fil-livell tal-għajxien kawża tal-waqgħa fil-valur tar-Rial, il-munità Iranjana. F'April 2013, dollaru Amerikan kien jiswa 36,000 Rial meta sena qabel kien jiswa 16,000 Rial. L-aħħar rapporti jgħidu li l-valur issa niżel saħansitra għal 93,000 Rial għal kull dollaru.

Raġunijiet oħra għal dawn il-protesti huma l-ineffiċjenza fit-tmexxija tal-Gvern Iranjan, l-insistenza tal-Iran li jkompli bil-programm nukleari tiegħu, il-korruzzjoni fost il-mexxejja tal-istutuzzjonijiet u l-involviment tal-Iran fis-Sirja, il-Yemen u l-Iraq li qed jiswew lill-pajjiż biljuni ta' dollari li jistgħu jmorru biex jitjiebu l-kundizzjonijiet tal-għajxien tal-poplu Iranjan.

Tant qed jikber is-sentiment ta' rabja fost l-Iranjani, l-aktar fost iż-żgħażagħ, saħansitra kontra l-Mexxej Suprem Ali Khamenei, li osservaturi jgħidu li dawn il-protesti jistgħu jwasslu għal rivoluzzjoni akbar minn dik tal-1979. Jidher li l-awtoritajiet Iranjani qed isibuha diffiċli jrażżnu din il-mewġa ta' protesti li mistennija jikbru hekk kif jibdew jinħassu l-effetti tas-sanzjonijiet il-ġodda kontra l-Iran.

Biex jilqgħu b'xi mod għal dawn il-protesti, l-awtoritajiet Iranjani rriformaw il-programm ta' sussidji. Neħħew is-sussidji li kien hemm fuq il-*fuel*, ilma, dawl u ħobż u introduċew għajnuna finanzjarja diretta lill-familji. Kemm dawn il-miżuri se jwasslu biex jikkalmaw dawn il-protesti wieħed għad irid jara.

<u>Sfidi oħra</u>

Sfidi oħra li mhux il-każ li nidħol fid-dettall fihom huma l-qagħad, l-aktar fost iż-żgħażagħ, li jlaħħaq it-12%, il-faqar fost 40% tal-popolazzjoni, nuqqas ta' drittijiet ċivili, u priġunieri politiċi. Saħansitra l-pajjiż ibati minn nuqqas ta' ilma u nixfa kbira li f'ċertu żoni tista' twassal biex miljuni ta' Iranjani jkollhom jitilqu minn fejn jgħixu.

Dan ma jitwemminx meta tikkunsidra li l-Iran għandu daqstant riżorsi ta' gass naturali u żjut, riżorsa umana ta' għexieren ta' miljuni fosthom żgħażagħ intelliġenti u kultura rikka b'xejn anqas minn 22 sit dikjarati mill-UNESCO bħala Wirt Kulturali Dinji.

**3. Malta qajla għandha relazzjonijiet ma' dawn iż-żewġ pajjiżi. Kif tara li x-xogħol tiegħek jista' jwassal sabiex jiżdiedu r-rabtiet ekonomiċi u kummerċjali, politiċi u soċjali bejn iż-żewġ pajjiżi, rispettivament?**

Naturalment, kif għidt aktar qabel, is-sitwazzjoni politika, ekonomika u soċjali kemm fl-Iran kif ukoll fl-Oman, anke jekk fi gradi differenti, jippreżentaw sfidi kbar biex Malta tkabbar ir-rabtiet ekonomiċi u kummerjċali magħhom. Barra minn dan, kemm id-distanza ġeografika kif ukoll il-fatt li mhux se nkun residenti f'Teheran, ikompli jagħmel din l-isfida akbar.

L-ewwel ħaġa se nassigura li r-rabtiet diplomatiċi tajbin li jeżistu bejn Malta u l-Oman kif ukoll mal-Iran, mhux biss jinżammu iżda jissaħħu. Ta' min josserva li r-relazzjonijiet ekonomiċi u kummerċjali li għandna bħalissa ħadu 46 sena fil-każ tal-Iran u 44 sena fil-każ tal-Oman biex żviluppaw. Daqshekk ilu li Malta stabbiliet relazzjonijiet diplomatiċi ma' dawn iż-żewġ pajjiżi. Fir-rigward tal-Iran, dawn ir-relazzjonijiet huma kundizzjonati mis-sanzjonijiet li mistennija jerġgħu jiġu imposti mill-Istati Uniti tal-Amerka, anke jekk l-Unjoni Ewropea, Malta inkluża, qalu li se jkomplu jappoġġjaw il-*Joint Comprehensive Plan of Action* iffirmat mal-Iran. Is-sitwazzjoni tinbidel jekk kemm-il darba l-Istati Uniti tal-Amerka terġa' tikkonsidra l-pożizzjoni tagħha u ma tirtirax l-appoġġ tagħha għall-JCPOA, xi ħaġa li, frankament, nara impossibbli li ssir anke jekk, kif għidt aktar qabel, fid-dinja tad-diplomazija kollox huwa possibbli.

Jekk is-sanzjonijiet kontra l-Iran ma jerġgħux jiġu imposti, allura nara li l-inizjattivi li ħadu l-Ministri tal-Gvern meta sentejn ilu żaru l-Iran, inkluż il-ftehim ta' żewġ MoUs, inkompli nsegwihom bit-tama li joħroġ xi ħaġa minnhom. Importanti huwa l-fatt li l-interess min-naħa Iranjana għal relazzjonijiet ekonomiċi u kummerċjali ma' Malta qiegħed hemm kif stqarrew l-ogħla awtoritajiet Iranjani fil-laqgħat li kellhom mal-Ministri Maltin.

Fir-rigward tal-Oman nara kif inkompli niżviluppa l-interess fil-qasam tal-edukazzjoni, inkluż, l-edukazzjoni fil-qasam tat-turiżmu. Ngħid dan għaliex diġà kien hemm żviluppi pożittivi f'dan ir-rigward. Madwar 60 student mill-Oman qegħdin isegwu korsijiet fl-Università ta' Malta. Dan l-interess jista' jitwessa' anke fil-qasam tal-istudji turistiċi.

Flimkien mal-Università ta' Malta kif ukoll tal-MCAST u l-ITS, nara li jittieħdu inizjattivi biex il-korsijiet ta' dawn l-istituzzjonijiet isiru magħrufa aktar permezz ta' żjarat fil-pajjiż u l-organizzazzjoni ta' *Educational Forum*, l-istess kif isir fil-qasam tal-kummerċ bl-organizzazzjoni ta' *Business Forum*. Dan bil-għan li aktar studenti mill-Oman jiġu jsegwu korsijiet ta' studju f'istituzzjonijiet edukattivi Maltin.

Fil-qasam tat-turiżmu hemm lok ta' koperazzjoni in vista tal-fatt li, fl-isforzi tiegħu biex jiddiversifika l-ekonomija, l-Oman qed jippjana biex itejjeb u jiżviluppa l-industrija turistika fil-pajjiż.

Inħoss li dan japplika wkoll fil-każ tal-Iran. Kull darba li Ministri Maltin iltaqgħu mal-awtoritajiet Iranjani dejjem kienu dawn tal-aħħar li semmew l-interess tagħhom fl-industrija turistika Maltija, inkluż il-President Iranjan Rouhani waqt il-preżentazzjoni tal-kredenzjali mill-Ambaxxatur Malti fl-2015.

Flimkien mal-Malta Enterprise u Trade Malta, nara li jkomplu jittieħdu inizjattivi biex is-swieq Iranjani jinfetħu għal intrapriżi Maltin, b'mod speċjali dawk żgħar u medji, kif ukoll li jsir użu mill-faċilitajiet fil-portijiet tagħna għal xogħol loġistiku u ta' trasbord ma' żewġ pajjiżi li għandhom kummerċ marittimu qawwi għall-fatt li huma produtturi taż-żejt u gass naturali.

Se nara wkoll kif jistgħu jitjiebu l-iskambji kulturali bejn iż-żewġ pajjiżi. Erba' snin ilu ttellgħet wirja dwar l-Oman fil-Kavallier ta' San Ġakbu, il-Belt fl-okkazjoni tal-40 sena mit-twaqqif tar-relazzjonijiet diplomatiċi bejn Malta u l-Oman. Ma narax għaliex m'gandhomx jittieħdu inizjattivi simili kemm fl-Oman kif ukoll fl-Iran. Wara kollox, id-diplomazija kulturali hija importanti fir-relazzjonijiet internazzjonali.

Filwaqt li wieħed jara kif jiżviluppa inizjattivi ġodda maż-żewġ pajjiżi, importanti li dak li diġà nbeda jiġi sostnut u msaħħaħ.

**4. Fir-rigward tal-Iran, kif se tippożizzjona ruħek bħala r-rappreżentant ta' pajjiżna fid-disputa li hemm mal-Istati Uniti tal-Amerka inkonnessjoni mal-ftehim dwar l-armi nukleari li kienet iffirmat waqt l-amministrazzjoni Obama?**

Din il-mistoqsija tfakkarni f'diversi definizzjonijiet ta' x'inhuwa x-xogħol ta' Ambaxxatur. Hemm min jgħid li Ambaxxatur huwa "*an honest man sent to lie abroad for his country*". Definizzjoni oħra hija li "*an Ambassador has the art to describe the way to hell in such a manner that you would want to go there*".

Qed ngħid dan għaliex jiena ma nistax nippożizzjona ruħi dwar id-disputa li l-Istati Uniti tal-Amerka għandhom mal-Iran inkonnessjoni mal-armi nukleari differenti minn dik tal-Gvern Malti. Din il-pożizzjoni ġiet definita b'mod mill-aktar ċar fi stqarrija li ħarġet mill-Ministeru għall-Affarijiet Barranin f'Mejju li għadda, jiġifieri, li Malta se tkompli tagħti l-appoġġ sħiħ u effettiv għall-implimentazzjoni u preservazzjoni tal-ftehim mal-Iran, il-*Joint Comprehensive Programme of Action* (JCPOA), fl-intier tiegħu. Flimkien mal-pajjiżi sħab fl-Unjoni Ewropea kif ukoll atturi oħra fil-komunità internazzjonali, Malta temmen li l-JCPOA qiegħed jaħdem;

qed jinkiseb l-għan ewlieni tiegħu dak li jżomm lill-awtoritajiet Iranjani kommessi fl-implimentazzjoni tiegħu. Għalhekk Malta tittama li l-Istati Uniti tal-Amerka terġa' taħsibha u tbiddel id-deċiżjoni tagħha li tirtira mill-JCPOA. Din hija l-pożizzjoni li jien nibqa' nsostni.

**5. Mis-CV tiegħek, inti persuna ta' esperjenza varja u kellek rwoli importanti u diversi fl-amministrazzjoni ta' pajjiżna. Kif din se tgħinek f'din il-kariga tiegħek?**

Tul il-karriera twila tiegħi fis-servizz ċivili, b'mod speċjali meta kont f'karigi għolja, tgħallimt li d-diplomazija tgħinek ħafna biex tilħaq l-għanijiet tiegħek mingħajr ħafna inkwiet żejjed. Tgħinek ukoll biex tikkonvinċi u tipperswadi lil dak li jkun mingħajr għajjat jew tisbit fuq l-imwejjed. Tgħinek ukoll twassal il-messaġġ tiegħek b'mod aktar faċli u konvinċenti. Kif jgħid il-qawl Malti "bil-kelma t-tajba toħroġ il-far mit-toqba".

Meta kont fil-kariga ta' Direttur tal-Informazzjoni, kemm-il darba kont niffaċċja ġurnalisti, Maltin u barranin, dwar kwistjonijiet jaħarqu u sitwazzjonijiet politiċi diffiċli fil-pajjiż. Nista' ngħid li meta kont iffaċċjat b'dawn iċ-ċirkostanzi qatt ma sibt ruħi f'xi kontroversja. Dan ir-rwol tani wkoll esperjenza kbira ta' kif tkun diplomatiku fi stqarrijiet li tagħti lill-istampa meta tiltaqa' mal-ġurnalisti, ċirkostanzi li, bħala Ambaxxatur, nista' nsib ruħi fihom.

F'din il-kariga kien ikolli wkoll laqgħat ta' spiss ma' membri tal-korp diplomatiku f'Malta fejn kont niġi mgħarbel dwar kwistjonijiet li jkunu fuq l-aġenda tal-pajjiż. Ta' min jgħid li l-Ambaxxaturi f'Malta, dak iż-żmien, kienu aktar attivi u kellhom importanza aktar minn dawk tal-lum, mingħajr ma nonqos lil dawn tal-aħħar mir-rispett. Dan għaliex il-politika barranija ta' Malta kienet tissawwar fil-pajjiż. Illum din tiġi formulata fi Brussell bejn il-Kapijiet tal-Istati Membri fejn, naturalment, Malta għandha siġġu mal-mejda fejn tiġi diskussa l-politika barranija komuni tal-Unjoni Ewropea.

Meta kont Direttur Ġenerali u Reġistratur tal-Qorti, kelli nuża doża akbar ta' diplomazija biex naħdem mal-membri kollha tal-ġudikatura. Kulħadd jgħidlek li mhux faċli taħdem mal-Maġistrati u l-Imħallfin minħabba l-indipendenza tagħhom mill-Eżekuttiv u l-Leġiżlattiv u l-fatt li jgawdu s-*security of tenure*.

Biss bi pjaċir nistqarr li fiż-żmien li għamilt responsabbli mill-amministrazzjoni tal-Qrati, irnexxieli nistabbilixxi rapport ferm tajjeb mal-membri kollha tal-ġudikatura, anke jekk kelli nuża l-ħiliet diplomatiċi kollha tiegħi. Anke din kienet esperjenza kbira u li għandha tkun utili għalija.

Naturalment, meta kont impjegat bħala Diplomatiku man-Nazzjonijiet Uniti wettaqt fil-prattika d-diplomazija fit-trattattivi tiegħi mal-gvernijiet tal-pajjiżi tal-Mediterran li huma firmatarji u rratifikaw il-Konvenzjoni ta' Barċellona, b'mod partikolari l-Ministri tal-Ambjent. F'dan iż-żmien kelli nuża l-kapaċitajiet tiegħi diplomatiċi fit-trattattivi ma' dawn il-pajjiżi li wasslu biex jiġi abbozzat, iffirmat u ratifikat Protokoll ġdid dwar l-immaniġġar taż-żoni kostali. Dan kien ta' sodisfazzjon kbir u esperjenza diplomatiku li mhux se ninsa.

Tajt dawn it-tliet eżempji bħala prova kif tul dawn is-snin u bl-esperjenzi varji li għaddejt minnhom issawret fija kapaċità diplomatika li se tagħmel ix-xogħol tiegħi bħala Ambaxxatur aktar faċli kemm-il darba l-Kumitat ikollu l-pjaċir japprova n-nomina tiegħi.

**6. Tara li għandek xi interessi professjonali jew ta' kummerċ li jistgħu jkunu konfliġġenti ma' din il-kariga?**

Nistqarr li m'għandi l-ebda interess professjonali jew ta' kummerċ li jistgħu jkunu konfliġġenti ma' din il-kariga.

**7. Jekk jogħġbok, agħmel elenku [jekk huwa dejjem il-każ] tad-directorships li għandek attwalment, kif ukoll sħubija f'assoċjazzjonijiet varji.**

La qatt kelli u lanqas għandi *directorships* jew sħubija f'xi assoċjazzjoni. Bejn l-2010 u l-2013 kont President tal-Assoċjazzjoni tar-Residenti ta' San Pawl il-Baħar. M'għadnix f'din il-pożizzjoni għas-semplici raġuni li ma bqajtx noqgħod f'din il-lokalità.

**8. Tikkonferma li inti għandek biss passaport wieħed u huwa dak Malti?**

Nikkonferma li għandi passaport wieħed li huwa dak Malti. Fiż-żmien li kont impjegat mal-Nazzjonijiet Uniti kelli *laissez-passer* li rritornajt malli rtirajt bl-età mill-GM.

*Mistoqsijiet sottomessi mill-Membri tal-Oppożizzjoni*

**1. In vista tar-relazzjonijiet diplomatiċi li pajjiżna għandu sija mal-Oman u mal-Iran, x'passi tara li għandhom jittieħdu fil-futur sabiex dawn jiġu ssudati?**

Kif wieħed jista' japprezza, l-passi li jistgħu jittieħdu biex jiġu ssudati r-relazzjonijiet diplomatiċi ta' pajjiżna mal-Oman u l-Iran ivarjaw minħabba fiċ-ċirkostanzi politiċi u diplomatiċi differenti fil-pajjiżi rispettivi. Malta ilha aktar minn 40 sena li stabbiliet relazzjonijiet diplomatiċi maż-żewġ pajjiżi. Sal-lum, dawn ir-relazzjonijiet diplomatiċi qatt ma ġew interrotti b'riżultat tal-ħidma diplomatika għaqlija mill-gvernijiet kollha li kellna tul is-snin.

Fil-ħidma tiegħi se nara li dawn ir-relazzjonijiet diplomatiċi jiġu ssudati billi nżomm kuntatt mill-qrib mal-awtoritajiet fiż-żewġ pajjiżi permezz ta' żjarat regolari u laqgħat ma' rappreżentanti tal-Gvern u istituzzjonijiet oħra biex insaħħaħ il-kuntatti bilaterali.

Fil-każ tal-Iran, se jinqalgħu ċirkostanzi li se jkunu jirrikjedu ħidma diplomatika għaqlija. Dan minħabba li l-Istati Uniti tal-Amerka se jerġgħu jimponu sanzjonijiet kummerċjali kontra dan il-pajjiż. Dak il-pajjiż li se jikser dawn is-sanzjonijiet jista' jxellef ir-relazzjonijiet diplomatiċi mal-Istati Uniti tal-Amerka. Kif rajna sal-lum, il-President Amerikan Donald Trump jasal għal kollox biex jiddefendi l-politika tiegħu ta' America First u America the Greatest.

Għalhekk irrid insegwi mill-qrib l-iżviluppi f'dan ir-rigward biex, meta jkun il-każ, inkun f'pożizzjoni nagħti parir lill-Ministeru għall-Affarijiet Barranin dwar ir-relazzjonijiet diplomatiċi mal-Iran.

Sal-lum, Malta mxiet bil-għaqal f'din il-kwistjoni meta ħadet l-istess pożizzjoni bħall-Istati Membri l-oħra tal-Unjoni Ewropea. Barra minn dan, il-fatt li Malta appoġġjat in-negozjati biex jiġi ffirmat il-*Joint Comprehensive Plan of Action*, kien apprezzat pubblikament mill-awtoritajiet Iranjani. Din il-pożizzjoni kompliet issodat ir-relazzjonijiet diplomatiċi mal-Iran.

**2. In vista tal-fatt li l-kummerċ għandu jkun parti minn dawn ir-relazzjonijiet, x'passi taħseb li għandhom jidħlu fis-seħħ biex dan l-iskambju kummerċjali jiżdied?**

Ir-relazzjonijiet kummerċjali li Malta għandha mal-Iran u l-Oman ħadu aktar minn 40 sena biex ġew żviluppati. Dawn jistgħu jiġu ssudati permezz ta' relazzjonijiet ekonomiċi, kummerċjali u kulturali fuq bażi bilaterali. Fiż-żewġ każijiet diġà għandna esperjenzi tanġibbli ta' skambji kummerċjali.

Fil-każ tal-Oman, diġà għandna student li qed jistudjaw fl-Università ta' Malta. Filwaqt li għandna naraw kif inżidu din il-parteċipazzjoni ta' student fl-Università, għandna nesploraw il-possibilità li nwessgħu dawn il-kuntatti biex noffru opportunitajiet ta' studju għal student mill-Oman anke fl-MCAST jew fl-ITS.

Għandna nkomplu norganizzaw aktar żjarat ta' delegazzjonijiet kummerċjali fiż-żewġ pajjiżi biex nesploraw kif jista' jikber il-kummerċ reċiproku. Irridu naraw li dak li ġie maqbul fiż-żjarat li saru minn delegazzjonijiet kummerċjali Maltin fl-Oman jiġi implimentat. Diġà kellna *Business Forum* fl-Oman f'April 2015, iż-żjara f'Malta ta' delegazzjoni mill-Awtorità Pubblika għall-Iżvilupp tal-Intrapriżi Żgħar u Medji fl-Oman, żjara ta' imprendituri nisa Maltin fl-Oman kif ukoll Forum organizzat mill-Kamra tal-Kummerċ u Industrija tal-Oman bil-parteċipazzjoni tal-Kamra tal-Kummerċ u Industrija Maltija.

Il-pjan tiegħi biex jiġu ssudati r-relazzjonijiet kummerċjali mal-Oman huwa li niltaqa' ma' rappreżentanti ta' dawk l-għaqdiet li kienu parti minn dawn id-delegazzjonijiet biex nara kif jaħsbuha dwar x'għandu jsir, x'inhuma l-opportunitajiet jew l-ostakoli li jeżistu biex jikbru r-relazzjonijiet kummerċjali bejn Malta u l-Oman.

Inħoss ukoll li għandhom jiġu organizzati aktar attivitajiet kulturali fiż-żewġ pajjiżi biex il-popli rispettivi jsiru jafu aktar dwar it-tradizzjonijiet u l-kultura ta' xulxin. F'Ottubru 2014 kienet ittellgħet wirja bl-isem *Tolerance, Understanding, Coexistence*: *Oman's message of Islam* fil-Kavallier ta' San Ġakbu. Attivitajiet bħal dawn ikomplu jżidu l-għarfien tal-pajjiżi rispettivi li jistgħu jwasslu wkoll għal tkabbir fir-relazzjonijiet kummerċjali. Attivitajiet kulturali bħal dawn għandhom ukoll jittellgħu fl-Oman mill-Ministeru għall-Kultura.

Fil-każ tal-Iran, ir-relazzjonijiet kummerċjali huma kundizzjonati mill-kwistjoni tal-impożizzjoni mill-ġdid ta' sanzjonijiet mill-Istati Uniti tal-Amerka kontra dan il-pajjiż minħabba fil-programm nukleari tiegħu. Il-pożizzjoni li ħadet Malta meta appoġġjat in-negozjati biex jiġi ffirmat il-JCPOA kien apprezzat pubblikament mill-Ministru għall-Affarijiet Barranin Iranjan f'Marzu 2016 f'laqgħa li kellu mal-Ministru għall-Affarijiet Barranin Malti ta' dak iż-żmien Dr George Vella f'Teheran.

Apprezzament bħal dan għandna nibnu fuqu u minn issa nesploraw kif nistgħu nissodaw u niżviluppaw aktar ir-relazzjonijiet kummerċjali mal-Iran ħalli malli s-sanzjonijiet kontra l-Iran jitneħħew inkunu minn ta' quddiem biex naħtfu l-opportunitajiet li jippreżenta pajjiż daqshekk kbir u b'tant riżorsi bħalma huwa l-Iran.

---